MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Numru 1263/2013

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mercieca u
Spettur Spiridione Zammit)
vs

Andrea Busuttil

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputat,imwieled il-Mosta u residenti Sliema detentur ta' karta tal-identita numru 416087M akkuzat talli:

> Fit-26 ta' Dicembru, 2013, ghall-habta tat-8.30 ta' filghaxija, gewwa id-Drugshop fi Vjal De La Cruz, Qormi, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa:
>
> 1. bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ta' serq, kieku sehh, kien ikun kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin u li sar ghad-

dannu tas-socjeta’ Petralux Ltd., operaturi ta’ l-istabbiliment Drugshop, u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

2. bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-ispizjara Fiona Fenech, Dr. Francis Noel Fenech M.D., u lill-Dr. Raymond Fenech M.D., kontra l-volonta’ taghhom, liema delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta’ hwejjighom;

3. aktar, talli filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta’ serq jew hsara fil-proprejta’ (minbarra hsara involontarja fil-proprejta’) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oggetti;

Talli nhar it-28 ta’ Dicembru, 2013, ghall-habta tat-3.40 ta’ filghaxija, gewwa it-Tic Tic Confectionery fi Triq il-Knisja, Paola, flimkien ma persuna/i ohra mhux maghrufa:

4. kkommetta serq ta’ flus kontanti u xi pakketti tas-sigaretti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz, u li sar ghad-dannu ta’ Salvatore Fiteni, S & S Co. Ltd., u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

5. bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Salvatore Fiteni, kontra l-volonta’ tieghu, liema delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta’ hwejjighom;

6. aktar, talli filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta’ serq jew hsara fil-proprejta’ (minbarra hsara involontarja fil-proprejta’) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oggetti;

Talli f’dawn il-Gzejjer, mis-17 ta’ Gunju, 2013 il-quddiem:

7. naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (magistrat Dr. Tonio Micallef Trigonai LL.D.), datat 21 ta’ Dicembru, 2012, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma kull nhar ta’ Tnejn u nhar t’Erbgha fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Tas-Sliema bejn id-9a.m. u d-9p.m., li jirrinkaza ruhu gewwa r-residenza fejn

joqghod, cioe' nru. 57, Triq San Duminku, Sliema, bejn id-9.30 ta' filghaxija u t-8.30 ta' filghodu w li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

8. meta l-indirizz fuq il-karta tal-identita tal-imputat ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta tal-identita mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficcjal;

9. finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), (magistrate Dr. Silvio Meli LL.D.), datata 16 ta' Gunju, 2005, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat ir-rinviju ghall- gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghat ix-xhieda;

Semghat l-imputat jixhed;

Ikkunsiderat:

L-ammissjoni tal-imputat hija wahda irrevokabbli u inkondizzjonata maghmula oltre sena u nofs mir-reati li bihom hu akkuzat; barra l-ammissjoni pero il-provi ma jkollu edba dubbju dwar is-sejha

Fuq l-iskorta tal-provi u fuq dak li kellu x'jghid l-imputat l-Qorti hi tal-fehma li wara li ssib l-imputat hati tikkundannah sitt xhur prigunerija u tpoggih taht ordni ta' trattament (Artikolu 412 (c) tal-Kap 9)

Rat l-Artikolu 41 (1)(a), 261 (a)(b)(c)(f), 262 (1)(a)(b), 263 (b), 267, 270, 275, 277 (b), 279 (a), 280 (2), 86, 87 (1)(e), 578, 579 (2), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kap 9; l-artikolu 55(a) tal-Kap 480 u 19 u 24 (2)(b) tal-Kap 258.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------